Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 35/2018

**Waldemar David Galea**

**Vs**

**L-Universita ta' Malta**

25 ta' Jannar, 2019.

1. L-Universita ta' Malta appellat minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali li biha cahad l-eccezzjoni li taqra:

*"1. Illi preliminarjament, is-socjeta intimata umilment tecepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 75 tal-Kap. 452 stante illi l-kaz prezenti la huwa wiehed kaz ta' tkeccija ingusta u lanqas huwa kaz li jaqa' taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu".*

2. Il-kontendenti jaqblu li r-rikorrent kien impjegat bhala *Resident Academic TR4 Assistant Lecturer in Business Quantitive Methods* fid-Dipartiment tal-Banking & Finance b'effett mill-1 ta' Settembru, 2016. L-impieg kien fiss ghall-perjodu ta' erba' (4) snin u gie tterminat fl-1 ta' Awissu, 2017. Il-kwistjoni hi dwar jekk:

   i. it-terminazzjoni saritx fil-perjodu ta' *probation*. Filwaqt li l-Universita' ssostni li l-*probation* kien sitt xhur, l-appellat isostni li kien sena.
   ii. it-Tribunal Industrijali ghandux kompetenza sabiex jiddeciedi wkoll kawzi li ghandhom x'jaqsmu ma' tkeccija ta' impjegat li jkollu kuntratt ta' impieg ghal zmien fiss.

3. Fit-twegiba tal-appell inghatat eccezzjoni li l-appell hu null ghaliex l-appellanti ma talbitx permess sabiex tappella. Eccezzjoni li qeghda tigi michuda ghaliex f'decizjoni ta' din ix-xorta m'hemmx ghalfejn li jintalab appell sabiex isir appell

mid-decizjoni *in parte* (ara artikolu 234 tal-Kap. 12 li l-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn m'ghandux japplika ghal kazijiet quddiem it-Tribunal Industrijali).

4. Fir-rikors tal-appell tat-13 ta' April 2018, l-Universita ghamlet riferenza ghall-artikolu 75(1) tal-Att dwar Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) li jipprovdi:

*"Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi –*

*(a) Il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret* ***tkeccija ingusta****;*
*(b) Il-kazijiet kollha li* ***jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu****,*

*ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jew li* ***mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skont it-Titoli I ta' dan l-Att*** *ikun biss illi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra".*

5. Kap. 452 jaghti definizzjoni ta' *'tkeccija ingusta'*,

*"a) it-temm mill-principal dwar dak il-haddiem* ***ta' kuntratt ta' impieg <u>ghal zmien mhux stabbilit</u>*** *(barra minn impieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-Att) li jkun temm li ma jsirx biss minhabba redundancy jew ghal raguni xierqa skont id-disposizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti maghmula taht dan l-Att, jew*
*b) li jkun sar bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 64(4), jew*
*c) li ghalkemm isir minhabba redundancy jew ghal raguni xierqa, ikun diskriminatorju kif imfisser f'dan l-Att jew f'xi regolamenti maghmulin tahtu".*

6. Sfortunatament kwistjonijiet dwar kompetenza jinqalghu normalment minhabba nuqqas ta' kjarezza fid-*drafting* tal-ligi, dan iktar u iktar fejn illum hafna kwistjonijiet qeghdin jigu kkunsidrati minn tribunali minflok mill-qrati. Materja li dwarha l-Venice Commission f'rapport recenti tat il-kummenti taghha (ara pagni 17 sa 18 tar-rapport, il-parti bit-titlu *'E. Specialised Tribunals'*).

7. Il-qorti tosserva wkoll li bl-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 suppost kwistjoni dwar gurisdizzjoni m'ghandhiex tohloq pregudizzju ghall-proceduri ghaliex il-legislatur introduca rimedju. Pero' r-rimedju kontemplat f'dik id-disposizzjoni

ma giex inkluz ghall-kazijiet fejn tribunal, bord jew qorti jichdu eccezzjoni ta' kompetenza u l-konvenut jappella minn dik id-decizjoni. Ir-rimedju ntrodott bl-Att IV tal-2016 japplika biss ghal dawk il-kazijiet fejn it-tribunal, bord jew qorti jiddeciedi li l-eccezzjoni dwar kompetenza tkun gustifikata.

8. Fid-decizjoni it-Tribunal qal:

*"Gurisprudenza kostanti, inkluza dik li ssemmiet fit-trattazzjoni finali ixxaqleb lejn l-inkluzjoni fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal kazi ta' tkeccija ta' min ikun fuq kuntratt definit. Partikolarment cara hija d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, sedenti l-Onorevoli Imhallef Philip Sciberras (Appell Civili Nru 4/2004) tat-23 ta' Frar 2005 Rita Nehls vs Sterling Travel and Tourism Limited. Fis-sentenza tieghu l-Imhallef Sciberras sostna kif il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali wara li gie fis-sehh il-Kap. 452 giet imwessa ghax 'Tali determinazzjoni gudizzjarja issa ghaddiet ope legis f'idejn it-Tribunal Industrijali'".*

9. Paragrafu (a) tal-artikolu 75(1) isemmi biss kuntratt ta' impieg ghal zmien mhux stabbilit. Ladarba fl-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) hemm definizzjoni tal-kliem *'tkeccija ingusta'*, dawk il-kliem jistghu jfissru biss dak li tghid id-definizzjoni.

10. Ghaldaqstant, tkeccija ta' impjegat b'kuntratt ta' impieg ghal zmien fiss, ma jaqax taht id-definizzjoni ta' *'tkeccija ingusta'* li hemm fil-Kap. 452. Ghalhekk paragrafu (a) tal-artikolu 75(1) ma japplikax ghall-kuntratti ta' impieg ghal zmien fiss. Il-kaz in eżami lanqas mhu xi każ tat-tip li jissemmew f'paragrafi (b) u (c) tal-istess disposizzjoni.

11. Saret riferenza ghas-sentenza **Nehls v Sterling Travel and Tourism Limited** li din il-qorti tat-23 ta' Frar, 2005. Dak il-kaz kien ukoll jikkoncerna impieg b'terminu fiss. Fih il-qorti ezaminat jekk it-Tribunal Industrijali kellux gurisdizzjoni taht paragrafu (b) tal-artikolu 75(1). Għalkemm hu minnu li kif qalet dik il-qorti d-definizzjoni ta' 'tkeccija ingusta' giet amplifikata minn kif kienet id-disposizzjoni qabel it-tibdil li sar bil-Kap. 452, madankollu mid-disposizzjoni hu ovvju li ma gietx amplifikata biex tinkludi tkeccija minn impieg b'terminu fiss.

12. Kien taht paragrafu (b) li f'dik is-sentenza din il-qorti waslet biex tghid li t-Tribunal Industrijali ghandu l-kompetenza sabiex jiddeciedi l-kaz. Konklużjoni li jidher li waslet għaliha ghaliex:

*"Jidher manifestament minn din id-dikjarazzjoni illi l-appellata kienet qed tinvoka d-dispost ta' l-Artikolu 36 tal- Kapitolu 452 raffigurat taht Taqsima V - Temm ta' Kuntratti ta' Servizz,* ***hekk formanti parti minn Titolu I ta' l-Att li ghalih jirreferi s-subinciz (b) ta' l-Artikolu 75****".*

13. Paragrafu (b) ma jghidx li t-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni fil-kazijiet kollha li jissemmew f'Titolu I, izda biss *"(b) il-kazijiet kollha* ***li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali <u>bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att</u>*** *jew ta' regolamenti preskritti tahtu".* Dwar din id-disposizzjoni il-qorti taqbel mar-ragunament tal-appellanti (ara pagni 7-9 tar-rikors tal-appell). F'Titolu I tal-Kap. 452 jissemmew espressament il-kazijiet fejn wiehed ghandu jfittex rimedju quddiem it-Tribunal Industrijali (ara artikolu 30 tal-Kap. 452). Fir-rigward ta' kazijiet ohra, inkluz dawk li jissemmew f'artikolu 36(11) u (14) it-Tribunal Industrijali ma jissemmiex. Fit-Titolu I huma identifikati kazijiet fejn l-ilment ghandu jsir quddiem it-Tribunal Industrijali, u l-qorti tifhem paragrafu (b) tal-artikolu 75(1) fis-sens li qieghed jirreferi ghal dawk il-kazijiet biss u mhux ghal kull kaz li jista' jinqala' fejn tapplikax xi disposizzjoni taht Titolu I tal-Kap. 452. Il-qorti hekk biss tista' tifhem il-kliem *'li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali* ***bis-sahha tat-Titolu I****'.*

14. Il-qorti zzid li jekk il-legislatur kellu l-intenzjoni li kull kaz li jaqa' taht Titolu I tal-Att ikun fil-gurisidizzjoni tat-Tribunal Industrijali, il-qorti tifhem li f'paragrafu (b) tal-artikolu 75 kien jinghad espressament li t-Tribunal Industrijali ghandu l-kompetenza esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha li jaqghu taht Titolu I tal-Att, u mhux il-kazijiet li *"jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali* ***<u>bis-sahha tat-Titolu I</u>****".*

15. Hu minnu li l-artikolu 75(1) ikompli li r-rimedju ghall-impjegat imkecci jew "***li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skont it-Titoli I ta' dan l-***

***Att"*** hu biss quddiem it-Tribunal Industrijali. Pero' dawk il-kliem iridu jigu applikati b'mod li ma jgibux fix-xejn paragrafu (b) tal-istess disposizzjoni.

16. Ghalkemm saret ukoll riferenza ghas-sentenza ta' din il-qorti tat-22 ta' Frar, 2016 fl-ismijiet **Hazzouri vs Formosa et**, id-decizjoni ma kinitx dwar eccezzjoni tal-kompetenza tat-Tribunal Industrijali.

17. Fic-cirkostanzi din il-qorti hi tal-fehma li r-ragunament tal-appellanti hu gustifikat u f'dan il-kaz it-Tribunal Industrijali m'ghandux kompetenza biex jikkunsidra u jiddeciedi l-kawza gialadarba l-ilment m'huwiex wiehed minn dawk li jissemma fl-artikolu 75(1)(a) u (b) tal-Kap. 452.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-4 ta' April, 2018 u tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-appellanti.**

**Spejjez a karigu tal-appellat.**

Anthony Ellul.